

# ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

**DEĊIŻJONI Nru 40/2011**

**tal-14 ta' Novembru 2011**

**tal-Kumitat Konġunt stabbilit skont il-Ftehim ta' Għarfien Reċiproku bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika relatat maż-żieda ta' Korpi ta' Valutazzjoni tal-Konformità fl-Anness Settorjali dwar il-Kompatibbiltà Elettromanjetika**

(2011/763/UE)

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Għarfien Reċiproku bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika u b'mod partikolari l-Artikoli 7 u 14;

Billi l-Kumitat Konġunt irid jieħu deċiżjoni li jirreġistra Korp jew Korpi ta' Valutazzjoni tal-Konformità f'Anness Settorjali,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

1. Il-Korpi ta' Valutazzjoni tal-Konformità fid-Dokument mehmuż A huma miżjuda mal-lista ta' Korpi ta' Valutazzjoni tal-Konformità fil-kolonna "aċċess tal-KE għas-suq tal-Istati Uniti" fit-Taqsima V tal-Anness Settorjali dwar il-Kompatibbiltà Elettromanjetika.
2. L-ambitu speċifiku tal-elenkar, fir-rigward ta' prodotti u proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità, tal-Korpi ta' Valutazzjoni tal-Konformità indikati fid-Dokument mehmuż A, ġie miftiehem mill-Partijiet u se jinżamm minnhom.

Din id-Deċiżjoni, magħmula f'żewġ kopji, għandha tiġi ffirmata minn rappreżentanti tal-Kumitat Konġunt li huma awtorizzati li joperaw f'isem il-Partijiet għall-għanijiet li jemendaw il-Ftehim. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ minn dakinhar li ssir l-aħħar firma.

*Fisem l-Istati Uniti tal-Amerika*

James SANFORD

Iffirmata f'Washington,  
it-8 ta' Novembru 2011

*Fisem l-Unjoni Ewropea*

Fernando PERREAU DE PINNINCK

Iffirmata fi Brussell,  
l-14 ta' Novembru 2011

*Dokument Mehmuż A*

**Korpi tal-KE ta' Valutazzjoni tal-Konformità miżjuda mal-lista ta' Korpi ta' Valutazzjoni tal-Konformità fil-kolonna "Aċċess tal-KE għas-suq tal-Istati Uniti" fit-Taqsima V tal-Anness Settorjali dwar il-Kompatibbiltà Elettromanjetika**

TÜV Rheinland-EPB B.V.  
Smidshornerweg 18  
NL-9822 ZG Niekerk  
IL-PAJJIŻI L-BAXXI

Bicon Laboratories B.V. (BICON)  
Waterdijk 3 A, 5705 CW Helmond  
P.O. Box 118, 5700 AC Helmond  
IL-PAJJIŻI L-BAXXI

SIQ – Slovenian Institute of Quality and Metrology  
Tržaška cesta 2  
SI-1000 Ljubljana  
IS-SLOVENJA